# Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

**Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja**
**ppubblikata mis-Soċjetà Patristika Maltija**
**Nru 4 11 ta' Settembru 2017**

## Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Is-sliem! Qiegħed joqrob il-jum li fih se ssir il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà Patristika Maltija. Kif diġà ġejtu avżati, din il-Laqgħa se ssir il-Ġimgħa 22 ta' Settembru, fis-6.00pm, fil-bini tal-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana.

Il-Laqgħa Ġenerali hija mument importanti fil-kalendarju tas-Soċjetà tagħna li għadha kemm telqet timxi. Il-Laqgħa Ġenerali għandha dawn l-għanijiet:

1. Li nagħtu ħarsa lura lejn il-ħidma li saret, nirringrazzjaw lil Alla ta' dan, u naraw flimkien kif nistgħu ntejbu s-servizz li qed nagħtu lil xulxin;
2. Li nippjanaw għas-sena li gejja. Diġà hemm bosta attivitajiet pjanati għax-xhur li ġejjin. Is-suġġerimenti tagħkom huma dejjem utli u jintlaqgħu bil-qalb;
3. Li nkomplu nxerrdu l-għanijiet tas-Soċjetà u nfissruhom: il-prijorità tagħna hi li l-Missirijiet tal-Knisja u l-kitbiet tagħhom ikunu aktar magħrufa;
4. Li nsiru nafu aktar lil xulxin, u għalhekk li nidentifikaw lilna nfusna bħala membri ta' din il-familja kbira ta' Maltin u Ghawdxin li għandhom għal qalbhom il-Missirijiet tal-Knisja.

Minn qalbi nistedinkom għal-Laqgħa Ġenerali Annwali. Qegħdin tirċievu, permezz ta' messaġġ elettroniku ieħor, il-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-sena l-oħra, kif ukoll ir-Rapport Annwali 2016/17. Dawn iż-żewġ dokumenti se jittieħdu bħala diġà moqrija, biex ikollna aktar ħin għal xi punti li joħorġu minnhom u li jimmeritaw diskussjoni.

Inselli għalikom u nixtiqilkom kull ġid fil-Mulej.

*Dun Hector Scerri*
Koordinatur

## Fuq Radju Marija

Skeda ta' programmi dwar il-Missirijiet tal-Knisja, *Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj*, kull **nhar ta' Erbgħa fit-3.30pm**, b'ripetizzjoni it-Tnejn fil-5.30am u l-Ġimgħa fis-1.00am. Fadal biss żewġ programmi – nhar it-13 ta' Settembru (dwar il-Papa San Ljun il-Kbir), u dak tal-20 ta' Settembru (dwar il-Papa San Girgor il-Kbir). Grazzi lill-kelliema kollha u lilkom is-semmiegħa.

Facebook: Soċjetà Patristika Maltija
Indirizzi elettroniċi: socjeta.patristika@gmail.com
hector.scerri@um.edu.mt

# *Siltiet minn Missirijiet il-Knisja*

Siltiet minn San Ġwann Griżostmu (*li l-festa tiegħu tiġi ċċelebrata pitgħada*).
***Imħejjija minn Dun Mark Sultana***

- "Inutli li timla l-gwardarobbi bil-ħwejjeġ filwaqt li tħalli l-bnedmin, maħluqa xbieha ta' Alla, għarwenin u jtertru bil-bard".
- *Il-prietki tiegħu kienu twal – bejn nofs siegħa u sagħtejn. Imma n-nies ma kienu jiddejqu xejn u kienu jattendu bi ħġarhom. Hu kien igħid*: "Meta nipprietka jew ngħallem, nimxi 'l quddiem u tgħib l-għejja".
- *Waqt wiehed mill-eżilji li ġarrab, huwa kiteb dan li ġej*: "Meta tara l-Knisja mxerrda, tbati tiġrib kbir, meta tara l-membri kbar tagħha ppersegwitati u msawwta, meta tara l-mexxej tagħha eżiljat, tiqafx hemm, imma agħraf ukoll il-frott ta' dan kollu: il-premju, ir-rikompens għall-atleta li jirbaħ".
- L-aħħar kliem tiegħu kien: "*Doxa to theo panton eneken"* (*Glorja lil Alla, ta' kollox*).

## *Laqgħa Ġenerali Annwali 2017*
## *tas-Socjetà Patristika Maltija*

Il-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2017 fis-6.00pm.
**Post**: Il-Kurja tal-Arċisqof, Floriana
*Dħul mill-bieb ta' wara, fi Triq l-Iljun.*

Agenda:
1. Ħatra ta' Chairperson
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali tat-12/10/2016
3. Punti mill-Minuti
4. Rapport ta' Ħidma 2016/17 u Kummenti dwaru
5. Sħubija fis-Soċjetà: introduzzjoni ta' miżata annwali
6. Uffiċċjalizzazzjoni tal-irwoli tal-membri tal-Kumitat Organizzattiv
7. Avviżi u suġġerimenti
8. Ħwejjeg oħra